MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 300/2004

Kawza fil-lista: 32

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi l-kontendenti zzewgu fis-7 ta' April 1996, liema zwieg jinsab registrat fl-Indici tar-Registru Pubbliku bin-numru progressiv 329/1996.

Illi minn dana z-zwieg fit-13 ta' Settembru 1997 twieldet binthom il-minorenni D.

Illi l-kontendenti sseparaw formalment minn ma’ xulxin permezz ta’ kuntratt pubblikat minn Nutar Elena Farrugia fil-15 ta’ Dicembru tas-sena 2003.

Illi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, hekk kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew dritt ghall-att taz-zwieg liema att taz-zwieg fil-fatt qatt ma sar bejn il-partijiet.

Illi matul dawna l-proceduri ser jirrizulta wkoll li kien hemm simulazzjoni tal-kunsens, tant li dan kien kompletament ivvizzjat u/jew sar bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg.
Illi inoltre fil-mument taz-zwieg il-konvenuta kienet afflitta b’ anomalija psikologika serja li bhala konsegwenza kien impossibli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-artikli relevanti taht l-Att XXXVI tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti, in vista tal-premess, tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti A B u C B fis-7 ta’ April 1996, huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f’ dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta biex tixhed in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal- konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi l-konvenuta taderixxi mat-talba attrici, b' dan illi tecepixxi kwantu segwenti:

2. Illi l-konvenuta taqbel illi l-kunsens taz-zwieg taz-zewg partijiet kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u/jew fuq id-drittijiet u d-dmmirjiet essenzjali taghha;

3. Illi l-konvenuta taqbel illi l-kunsens tal-attur ghaz-zwieg impunjat kien ivvizzjat minhabba eskluzjoni pozittiva ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u li kien hemm simulazzjoni tal-kunsens, tant li dan kien kompletament ivvizzjat u/jew sar bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg, izda tichad illi l-kunsens taghha kien ivvizzjat bl-istess mod u tichad illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat peress illi kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva tad-dritt ghall-att ta' zwieg stante illi l-att taz-zwieg sar bejn il-partijiet u fil-fatt il-partijiet ghandhom tifla li jisimha D, frott ta' dana l-att;

4. Illi l-konvenuta tichad illi fil-mument taz-zwieg hija kienet afflitta b' anomalija psikologika serja li bhala konsegwenza kien impossibli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja li z-zwieg tieghu kkuntrattat mal-konvenuta fis-7 ta' April 1996 huwa null fil-ligi stante li l-vizzju tal-kunsens matrimonjali tal-partijiet jinsab vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] u fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255, kif ukoll li l-istess kunsens tal-konvenuta jinsab vizzjat fit-termini tat-tieni parti tal-paragrafu [d] ta' l-istess Artikolu.

Minn naha taghha l-konvenuta teccepixxi li, filwaqt li taqbel li z-zwieg taghhom huwa null, tirreciporka l-capita nullitatis attribwiti lilha.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-7 ta' April 1996, meta allura l-attur kellu 27 sena u l-konvenuta kellha 19 il-sena u disa' xhur, u wara li kienu ilhom flimkien kwazi 4 snin li fl-ahhar sena minnhom il-konvenuta kienet tghix ma' l-attur mal-genituri tieghu fir-residenza taghhom. Fit-13 ta' Settembru 1997 twieldet tifla minn dan iz-zwieg. Sussegwentement, wara li l-partijiet damu jikkonvivu 4 snin[1], huma sseparaw formalment fil-15 ta' Dicembru 2003 wara li kienu ilhom jghix separatament circa sena u nofs minn din id-data.  Fil-prezent il-konvenuta qeda tghix ma' "partner".

Il-Qorti semghet il-partijiet jiddeponu, u f' diversi aspetti ta' natura determinanti ghall-kaz ma taghtihomx affidament.

Illi l-attur jghid li qabel iz-zwieg huwa kellu hanut tal-grocer u kien ukoll jarma bit-trakk fuq il-monti, bir-rizultat li peress li kemm hu kif ukoll il-konvenuta, allura namrata tieghu, kienu jahdmu sighat twal u "id-diskors taghna kien ikun dejjem fuq il-hanut fis-sens li jiena kont nistaqsiha x' ghandha bzonn fil-hanut u kont nehodulha.  Ma konniex nitkellmu fuq livell personali. Konna ngibu ruhna ta' tnejn illi jahdmu flimkien aktar milli ta' gharajjes."[2] Fid-deposizzjoni[3] tieghu huwa jghid li "filghaxija konna naslu d-dar, mmorru nieklu u speci [sic]." Jghid li fuq iz-zwieg qatt ma ddiskutew. Jerga' jikkonferma li fl-gherusija ma kellhomx hin jiddiskutu xejn, fi kliemu: "Xejn hlief in-naqra li konna niltaqghu fuq ix-xoghol ghax jiena dak li kien jinteressani, ix-xoghol." Konformament ma' din it-tesi, il-konvenuta qalet li "Rari konnna nqattghu hin limkien biex nitkellmu u niskopru lil xuxlin. Infatti huwa qatt ma ried jistabilixxi realzzjoni mieghi……… il-konversazzjoni taghna kienet dejjem tkun fuq affarijiet trivjali dwar il-

[1] Aff. L-ewwel paragrafu. Fol.19
[2] Aff. Fol.19
[3] Fol.49 *et seq.*

gurnata tax-xoghol. Ghalhekk ir-relazzjoni taghna dejjem baqghet superficjali u qatt ma mmaturat."[4]

In propositu l-Qorti tosserva li l-versjoni mghotija mill-partijiet tfalli serjament fuq livell ta' verosimiljanza. Il-Qorti ma temminx li l-partijiet ma kienux jitkellmu fuq livell personali kif dawn ittantaw jghatu l-impressjoni, *multo magis* meta l-konvenuta qabel iz-zwieg ghamlet tul ta' zmien tghix ma' l-attur fid-dar tal-genituri tieghu.

Il-Qorti hija konvinta li dawn il-partijiet, bhal kull namrati u gharajjes ohra, kellhom il-mumenti privati taghhom fejn kienu kellhom relazzjoni inter personali, u f' dan il-kaz anke sesswali kif ammess mill-istess attur fid-deposizzjoni tieghu.

It-tieni allegazzjoni ta' l-attur li din il-Qorti thoss li timmanifesta bl-aktar mod ampju in nuqqas ta' kredibilita' tieghu hija fis-sens li huwa kien izzewweg lill-konvenuta, mhux ghax kien ihobbha, izda "ghax siehbi [mhux identifikat b' ismu wisq anqas prodott bhala xhud] ried jizzewweg u ghamilna daqxejn pika fuq iz-zwieg….." B 'hekk huwa ttanta jispjega ghaliex, skond huma, izzewwgu ftit wara li hadu d-decizjoni. Jirrizulta pero' li xorta saru l-preparamenti tat-tieg, marru l-kors ta' Kana, izda skond l-attur "kollox ta' malajr".

Illi wara li l-partijiet izzewwgu l-attur jghid li "malli gejna ffaccjati bis-sitwazzjoni l-gdida li konna ninsabu fiha mill-ewwel irrealizzajna xi zball ghamilna."[5] Izda dan ma mpediex lill-partijiet milli sena wara z-zwieg huma jixtru post biex isservi bhala d-dar matrimonjali, u li wara sena u nofs zwieg huma kellhom tarbija ppjanata; u inoltre, damu jikkonvivu erba snin.

Illi fil-parti konklussiva ta' l-affidavit tieghu l-attur jghid: "Inhares lura lejn hajjitna flimkien u hlief immaturita' fl-istorja taghna flimkien ma' narax. Jien f' qalbi qatt ma zzewwigt ghax it-tifsira taz-zwieg ma kontx naf x' inhi."[6]

[4] Aff. Fol.26
[5] Aff. Fol.20
[6] Aff. Fol.21

Fuq l-istess vena, il-konvenuta tghid "Ghalkemm kelli 19-il sena nghid li ma kontx matura bizzejjed biex nidhol ghaz-zwieg u meta zzewwigt ma kontx nifhem l-obbligazzjonijiet u l-impenn tal-hajja matrimonjali."[7]

Izda, nonostante dawn l-asserzzjonijiet tal-partijiet, il-Qorti ssibha difficli li taccetta bhala veritiera l-allegazzjoni li l-partijiet, partikolarment l-attur li kellu 27 sena, u anke l-konvenuta li kienet diga' dahhlet fil-hajja tax-xoghol, ma kienux fehmu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga bazati fuq konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Di fatti meta dawn izzewwgu marru jghixu ghar-rashom bhala koppja mizzewwga, wara sena xtraw id-dar matrimonjali, u wkoll wara sena u nofs kellhom tarbija ppjantata. Dawn il-fatti jimmilitaw serjament kontra t-tesi tal-partijiet li huma ma kienx jaf x' inhuma l-obbligazzjonijiet matrimonjali. Il-fatt li matul iz-zwieg zviluppaw problemi matrimonjali bejniethom ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li l-kunsens matrimonjali kien vizzjuz, ghalkemm dawn il-fatturi jistghu jkunu ragunijiet validi ghal separazzjoni personali, ghax l-estremi taz-zewg istituti huma differenti.

Illi stabbilit il-premess, il-Qorti ser tghaddi ghall-ezami tal-*capita nullitatis* sollevati mill-partijiet biex isostnu t-tesi taghhom tan-nullita' taz-zwieg.

Illi rigward l-ewwel kawzali, l-attur isostni li l-kunsens "tal-partijiet" kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu.

In propositu gie osservat fil-kawza *"App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: "Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, <u>fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens</u>, parti jew ohra, tkun priva b' mod sostanzjali, ossia "<u>gravi</u>", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva <u>dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg</u>; jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla

[7] Fol.28

libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri]* "Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkun irrflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta' gudizzju *[PA Selina Maria Vella Haber vs Joseph Gatt – 15.4.1996]*

Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali"

Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens , il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. "In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro." *[Bersini -citat fil-kawza PA Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri deciza 4.11.1994]* L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta' unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Din il-kapacita' li jassuma dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. *[PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003].*

Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita' ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-*caput nullitatis*. Illi ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta'

maturita' jew edukazzjoni, izda ta' l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg *[ PA Melanie Borg Cardona vs Joseph Borg deciza 29.10.2003]*
*[vide ukoll App.C. App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006,deciza fis-27 ta' Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati]*

L-immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni "non si referiscono ad una piena e terminali maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di ceio che comporta l-matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo- affettivo, ne' infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l' uso del termine discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento[8] ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena *[Pompedda – Il Consenso Matrimoniale, u awturi ohrjan citati fil-kawza PA Nicholas Agius vs Rita Agius deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006, [2006]supra].*

Illi fil-kaz odjern ma rrizultax li l-partijiet, jew xi hadd minnhom, kellhom l-inkapacita' psikika li jifhmu l-obbligazzjonijiet matrimonjali, jew li kellhom grad tant baxx ta' maturita' li rrendithom inkapaci li jgharrfu dawn l-obbligi. Huwa minnu li l-konvenuta tista titqies, fid-dinja tallum, li kellha eta' zghira meta zzewwget, imma b' daqshekk ma jfissirx li kienet necessarjament immatura u legalment inkapaci ghaz-zwieg. Il-ligi stess tippresumi li kull min ghalaq is-sittax il-sena huwa kapaci li jizzewweg, u l-prova kuntrarja tispetta lil min jallega l-kuntrarju. F' dan il-kaz ma rrizultax provat li l-konvenuta kienet immatura b' mod li l-kunsens matrimonjali taghha huwa vizzjat.

Illi t-tieni kawzali hija bazata fuq il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-Artikolu precitat, li

[8] Sottolinear ta' din il-Qorti

jikkontempla l-eskluzjoni posittiv taz-zwieg jew ta' obbligi essenzjal ghal hajja konjugali.

Kif osservat din il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002,* is-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f' kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] *[PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996]*

Ghalhekk sabiex l-attur jirnexxi f' din il-kawzali, jiehtieg li jigi provat sodisfacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, iz-zewg kontendenti, jew parti minnhom, internament kienet qed teskludi b' att posittiv tal-volonta' taghha jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li huma il-*bonus fidei, il-bonus prolis u l-bonus vitae*, ossia l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied, u l-ben essere reciproku.

Jinghad mill-ewwel li mill-provi ma jirrizulta xejn li jindika li din il-kawzali treggi fil-konfront ta' l-attur. Anzi l-provi juru li hu kkonsenta u ried li jinghaqad fiz-zwieg mal-konvenuta bil-konsapevolezza piena tad-dmirijiet u drittijiet li l-hajja matrimonjali tesigi. Dan japplika wkoll ghall-konvenuta li, ghalkemm sostniet li hi ma kienitx kuntenta li tizzewweg f' dak l-istadju, xorta wahda ghamlet l-ghazla taghha u kompliet tippersisti fid-decizjoni taghha, nonostante l-opposizzjoni da parti ta' missierha kif hi allegat. Ghalhekk anke l-konvenuta kkonsentiet u riedet li tizzewweg u tghix il-hajja matrimonjali ma' l-attur; dan jinsab konfermat mill-fatti li sehhew wara z-zwieg.

Illi rigward il-kawzali bazata fuq it-tieni parti tal-paragrafu [d] ta' l-Artikolu precitat, u cioe' l-anomalija psikologika serja, reciprokament attribwita mill-partijiet, u li kiene ghamlitha mpossibbli ghalihom li jaqdu l-obbligazzjonijiet matrimonjali essenzjali, il-Qorti tosserva li l-provi f' dan ir-rigward huma manifestament lampanti. Ma giet provata ebda anomalija psikologika fit-termini tal-paragrafu precitat, la fl-attur u lanqas fil-konvenuta.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-konvizjoni li t-talba attrici hija nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghalhekk ma timmeritax li tigi milqugha.

In fine hija opportuna l-osservazzjoni li "Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss." Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg fuq ix-xewqa tal-parti jew partijiet, izda kif hekk inhu xieraq fuq is-serjeta' u l-bazi tar-rekwiziti legali. Ghalhekk jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m' ghandux iwassal sal punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta' bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art.992] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll jservi ta' pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa' fis-sehh. *[App.C Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia – 28.07.1987, citata b' approvazzjoni PA[PS] Christine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002 u PA[PS] Chritine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002]*

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------